MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tal-11 ta' Gunju, 2009

Citazzjoni Numru. 410/2004

**Middle Sea Insurance plc proprio u kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurati taghha Victor u Pauline konjugi Mizzi.**

**vs.**

**Edgar Grima.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 3 ta' Gunju 2004 a fol. 1 tal-process, u pprezentata quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onor. Mhallef Noel Cuschieri fejn gie premess:-

Illi fis-sebgha (7) ta' Gunju elfejn u tnejn (2002) sehhet spluzjoni gewwa garaxx tal-konvenut fi Triq San Xmun, il-Fgura;

Illi tali spluzjoni sehhet minhabba n-negligenza, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti da parti tal-konvenut;

Illi bl-imsemmija spluzjoni Victor u Pauline konjugi Mizzi sofrew danni ingenti kemm fil-bini tar-residenza taghhom u wkoll f'mobbli li kienu jinsabu fl-istess residenza;

Illi *ai termini* ta' polza ta' assikurazzjoni bejn is-socjeta` attrici, terzi, u l-imsemmija Victor u Pauline konjugi Mizzi hi kellha tindennizza lill-assikurati taghha tad-danni li huma sofrew u b'hekk is-socjeta` attrici giet surrogata fid-drittijiet tal-istess assikurati taghha;

Illi s-socjeta` attrici tikkwantifika d-danni sofferti mill-assikurati taghha fl-ammont ta' hamest elef tmien mija u zewg liri Maltin (Lm5,802.00 = €13,515.02), li maghhom jizdied l-ammont ta' hames mija u erbatax-il lira Maltin u hames centezmi (Lm514.05 = €1,197.41) bhala *survey fee*, ghalhekk danni ammontanti komplessivament ghal sitt elef tliet mija u sittax-il lira Maltin u hames centezmi (Lm6,316.05) ekwivalenti ghall-erbatax il-elf, seba' mija u tnax-il ewro u erbgha u erbghin centezmu (€14,712.44).

Illi l-konvenut huwa responsabbli ghal dawn id-danni;

Illi *ai termini* tal-polza s-socjeta` attrici ghamlet front ghal ammont ta' hamest elef hames mija u tmienja u hamsin lira u tnax-il centezmu (Lm5,558.12 = €12,946.94);

Illi ghalhekk l-istess atturi talbu lill-konvenuti jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghall-ispluzjoni li sehhet gewwa l-garaxx tieghu nhar is-sebgha (7) ta' Gunju elfejn u tnejn (2002) u ghall-konsegwenti danni sofferti mill-assikurati tas-socjeta` attrici;

2. Tillikwida l-ammont ta' danni sofferti li ghaliha ghamlet tajjeb is-socjeta` attrici fis-somma ta' Lm5,558.12 = (€12,946.94);

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma hekk likwidata;

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut, li hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni, u bir-riserva ghal kull azzjoni fil-ligi.

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti esebiti a fol. 4 u 17 tal-process;

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh minn din il-Qorti kif diversament presjeduta ghas-seduta tas-26 ta' Ottubru 2004.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Edgar Grima datata 9 ta' Marzu 2005 a fol. 28 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-atturi *stante* li ghalkemm sehhet l-ispluzjoni din ma sehhitx minhabba negligenza, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti da parti tal-konvenut u ghalhekk ma ghandux jigi dikjarat responsabbli ghall-incident in kwistjoni.

2. Illi ghalhekk isegwi li l-eccipjenti ma ghandux jigi kkundannat ihallas xi danni lill-atturi.

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost id-danni pretizi mis-socjeta` attrici huma ezagerati.

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut a fol. 29 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onor. Mhallef Noel Cuschieri mid-data tas-26 ta’ Ottubru 2004 sas-seduta tas-26 ta’ Ottubru 2005.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif hekk presjeduta tas-17 ta’ Jannar 2006 fejn il-Qorti nnominat lill-Assistent Gudizzjarju Dr. Josette Demicoli biex barra l-affidavits tal-partijiet skont digriet a fol. 42 tal-process, tiffissa tliet seduti ghall-provi atturi u tliet seduti ghall-provi konvenut.

Rat ix-xhieda ta’ Victor u Pauline Mizzi datati 17 ta’ Jannar 2006.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Josette Demicoli biex xhieda quddiemha prodotta nkluz dik ta’ Melanie Camilleri datata 6 ta’ Gunju 2006 (fol. 199), u Edgar Camilleri tal-11 ta’ Lulju 2006 li xehed in subizzjoni (fol. 62)

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif presjeduta fejn fis-seduta tal-5 ta’ Dicembru 2006 il-Qorti rrevokat l-inkarigu tal-Assistent Gudizzjarju Dr. Josette Demicoli u nnominat lil Dr. Anna Mallia bhala Perit Legali a spejjez provvizorjament attrici u kkonfermat id-digriet taghha dwar il-gbir tal-provi tas-17 ta’ Jannar 2006 ghall-ahhar darba.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Perit Legali Dr. Anna Mallia, flimkien max-xhieda quddiemha prodotta nkluza dik ta’ Dr. Mario Scerri, tal-Kurunell Albert Camilleri u P.S. 602 Jonathan Attard (kollha tal-24 ta’ April 2007), l-affidavit tal-Perit Richard Aquilina, ix-xhieda ta’ P.S. 171 Carmel Glanville u James Magri tal-25 ta’ Mejju 2007; ix-xhieda ta’ Charmaine Mattocks tal-25 ta’ Gunju 2007, d-dokumenti esebiti nkluzi r-relazzjoni tal-Perit Richard Aquilina quddiem il-Magistrat Inkwirenti (fol. 112)

Rat il-verbal quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) presjeduta mill-Magistrat Dr. Joseph Cassar datat 22 ta’ Ottubru 2002 esebit a fol. 22 tal-process.

Rat ir-rapport tal-Perit Legali Dr. Anna Mallia pprezentat fl-1 ta’ Dicembru 2008 u mahluf fit-18 ta’ Marzu 2009, liema rapport qieghed esebit a fol. 203 tal-process

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif hekk presjeduta tal-1 ta’ Gunju 2009 fejn l-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-11 ta’ Gunju 2009.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## **II. KONSIDERAZZJONIJIET.**

Illi din il-kawza titratta dwar spluzjoni li saret li grat fis-7 ta’ Gunju 2002 fil-garage numru 96, Triq San Xmun Fgura li konsegwenti tal-istess saret hsara fil-fond numru 95, Triq Faulkner, Fgura proprjeta’ tal-konjugi Mizzi. Jirrizulta li skont il-konkluzjoni tal-Kurunell Camilleri fl-inkjesta Magisterjali l-ispluzjoni bdiet kawza ta’ xrar li hareg mill-*electric chaser* li kien qed jigi uzat mill-konvenut sabiex jaqta’ parti mis-saqaf tal-van fil-garaxx tieghu fuq indikat.

Illi fil-fatt jirrizulta li fl-istess garaxx kien hemm diversi oggetti fosthom beraq ikkargati, skratac vojta, tahlita tal-berqa’ f’gallinar tal-fniek mhux uzat, mica sewda, musketterija u xi 14-il suffarell. Skont l-istess espert tekniku l-ispluzjoni ma’ gietx ikkawzata permezz ta’ kariga splussiva, izda giet ikkawzata permezz ta’ *“vapour phase explosion”* u dan wara li vapours ta’ *“nitrocelluse thinner”* taz-zebgha thallat mal-arja, u dan peress li kien hemm *“vapourisation”* ta’ xi ftit *“inflamable liquid”* jew *“hydrocarbon”* li kien espost fl-arja, waqt it-tixrid jew *“sprying”* li jwassal ghal rata ta’ pressjoni gholja – u sabiex issehh spluzjoni kien hemm *oxygen* fl-arja u *fuel* (*thinner* li

kien espost ghall-arja fil-garaxx). Li kien jonqos biex isehh spuzzjoni kien l-*ignition*, li f'okkazzjonijiet prattici tigi kkawzata bi spark, fjamma jew xi wicc shun, u dan seta' gie kkawzat minn diversi alternattivi fosthom xi xokk jew *friction* ta' xi wahda mill-beraq, minn xi wahda mill-ghodod ta' l-elettriku li kien qed juza l-konvenut, u probabbli din giet inizjata minn xrar tal-*electric chaser* li bih kien qed jahdem sabiex jaqta' parti mis-saqaf tal-van u dan jirrizulta kollu mir-rapport. Dan kollu jirrizulta mir-rapport tal-istess espert tekniku esebit bhala Dok. ACA a fol. 168 sa fol. 192 tal-process.

Illi fil-fatt mill-provi jirrizulta li kien hemm riha qawwija ta' *thinner* fl-istess garaxx meta Victor Mizzi u Raymond Borg hargu lil konvenut mill-garaxx u din ir-riha baqghet prezenti meta sar l-access mill-esperti tal-Qorti li kkonducew l-inkjesta magisterjali. F'dan il-kaz gie ppruvat li l-istess konvenut kien negligenti fl-operat tieghu peress li kien qed jahdem b'*chaser* tal-elettriku f'garaxx fejn il-bieb kien maghluq, u fejn kien hemm hames landi kbar ta' *thinner* li tnejn minnhom kienu uzati, u ghalhekk uza l-istess apparat li jarmi xrar f'post fejn kien hemm tali materjal, apparti xoghol tan-nar (li ma kienx il-kawza tal-ispluzjoni) u b'hekk kien imdawwar b'oggetti kompustibbli.

Illi fil-fatt jirrizulta li l-ispluzjoni grat minhabba li tar xi xrar mill-istess *chaser* u dan ikkawza spluzjoni minhabba t-*thinner* li kien fl-arja u ma hemm l-ebda dubju li dan kollu kien previdibbli ghall-istess konvenut li b'hekk pogga lilu nnifsu u l-ambjenti tieghu u ta' madwaru fi stat ta' perikolu, meta huwa uza l-istess apparat elettriku f'dawk ic-cirkostanzi ta' perikolu u ta' riskju ta' nar u/jew spluzjoni, u ghalhekk jirrizulta li gie ppruvat li l-ispluzjoni saret minhabba negligenza u traskuragini *da parte* tal-istess konvenut u dan peress li naqas li juza l-prudenza, id-diligenza u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-famila u ghalhekk hemm il-htija tieghu skont id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 1032 tal-Kap. 16** u allura huwa responsabbli ghall-hsara li giet ikkawzata bl-eghmil tieghu skont l-**artikolu 1033 tal-istess Kap. 16.** Fil-fatt jidher li l-istess konvenut *"ma ha l-ebda prekawzjoni meta beda juza c-chaser sabiex jevita kemm jista' jkun li jkun hemm possibilita' ta' periklu. Huwa*

*naqas li jassigura li l-kondizzjonijiet ambjenti, qua bniedem responsabbli mis-sorveljanza u l-iskansar tal-perikolu illi japplika d-diligenza ta' bonus paterfamilias ghal-liema jirreferi l-artikolu 1032 tal-Kodici Civili. La dan ma ghamlux ikollu jinghad illi "esso e' in colpa per non mantenere la cosa in condizioni tali da non recare nocemento ad altri (Kollez. Vol. XXVIII.P1.p222), u (decizjoni tal-Qorti tal-Appell per. Imhallef Sciberras tat-22 ta' Novembru 2006 "Middle Sea Insurance plc vs Charles Duca u Victor Camilleri)".*

Illi jinghad li skont l-**skont l-artikolu 1031 tal-Kap. 16** *"kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu"* u hawn jidhol il-kuncett ta' culpa li jikkonsisti mill-*"(1) volontarieta' dell'atto; (2) mancata previsione dell'effetto nocivo e (3) possibilita' di prevedere"* (Carrara. Parte Generale Vol. I para 80) tant li f'para 83, dan l-awtur jirrabidixxi li *"....l' essenza della colpa sta tutta nella previdibilita".* Certament li f'dan il-kaz kienet din in-negligenza u traskuragini minn naha tal-konvenut li kkawzat il-hsara fil-proprjeta' ta' Victor u Pauline Mizzi, kif gie ppruvat f'din il-kawza, u ghal liema danni gew ikkumpensati mis-socjeta' attrici, bhala socjeta' assukuratrici, li giet surrogata fid-drittijiet tal-istess konjugi Mizzi. Jirrizulta li l-ammont ta' danni li ghalihom qed titlob rifuzjoni s-socjeta' attrici huwa dak ta' Lm5,558.12 ekwivalenti ghall-(€12,946.94) u jirrizulta mill-istess att li ma hemm ebda kontestazzjoni dwar dan l-ammont ta' danni rikjest mis-socjeta' attrici tant li d-difensuri tal-partijiet rrimettew ruhhom ghar-rapport skont verbal tas-seduta tal-1 ta' Gunju 2009.

Illi ghalhekk it-talbiet attrici qed jigu milqugha.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:-

1. Tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghall-ispluzjoni li sehhet gewwa l-garaxx tieghu nhar is-sebgha (7) ta'

Gunju elfejn u tnejn (2002) u ghall-konsegwenti danni sofferti mill-assikurati tas-socjeta` attrici;

2. Tillikwida l-ammont ta' danni sofferti li ghaliha ghamlet tajjeb is-socjeta` attrici fis-somma ta' tnax il-elf, disa' mija u sitta u erbghin ewro u erbgha u disghin centezmu (€12,946.94) ekwivalenti ghall-hames t'elef, hames mija u tmienja u hamsin Lira Maltija u tnax il-centezmu (Lm5,558.12).;

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma hekk likwidata ta' tnax il-elf, disa' mija u sitta u erbghin ewro u erbgha u disghin centezmu (€12,946.94) ekwivalenti ghall-hames t'elef, hames mija u tmienja u hamsin Lira Maltija u tnax il-centezmu (Lm5,558.12).

Bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sal-effettiv pagament kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------